**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 16 ta' Dicembru, 2015**

**Rikors Nru: 884/2015 AF**

**L-Avukati Dr. Kathleen Mizzi u Dr. Victor George Axiak fil-kwalità taghhom bhala mandatarji tal-assenti James Lindsay Deuchar (bin-numru tal-passaport Ingliz 208805553), residenti 8, Haise Mount, Darton, Barnsley (Renju Unit)**

**vs**

**Oliver Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' James Lindsay Deuchar u l-Avukati Dr. Kathleen Mizzi u Dr. Victor George Axiak, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

L-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' hamsa u tletin elf Euro (€35,000) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' karozza tat-tlielaq, trailer u spare parts mibjugha u konsenjati lill-intimat fuq ordnijiet tieghu stess, liema bilanc ghadu sal-gurnata tal-lum ma thallasx.

Minkejja li kien ikkonferma personalment man-Nutar Pubbliku Dr. Margaret Heywood li huwa ser ihallas dan il-bilanc (ara **Dok. B**) u minkejja li gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas inkluz permezz tal-ittra bonarji datati 25 ta' Gunju 2015 (**Dok. C**) u 15 ta' Lulju 2015 (liema dokument jigi esebit iktar 'il quddiem wara li, u jekk jigi, ottjenut il-kunsens tal-kontroparti stante illu inhareg "*minghajr pregudizzju*") rispettivament u minkejja ukoll diversi weghdi ta' hlas, inkluz weghdi li saru bil-miktub, l-intimat baqa' inadempjenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Dan il-bilanc huwa cert, likwidu u dovut u r-rikorrenti jhoss li l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talbiet tieghu.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 et seq tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' hamsa u tletin elf euro (€35,000) rapprezentanti l-bilanc cert likwidu u dovut ta' prezz ta' karozza tat-tlielaq u spare parts mibjugha u kkonsenjati lill-intimat fuq ordnijiet tieghu stess.

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas il-bilanc imsemmi lir-rikorrenti kif ukoll l-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fi-ssena sekoribbli mill-31 ta' Jannar 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma dan ir-rikors mahluf u tal-ittri bonarji fuq imsemmija.

L-intimat huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat li Oliver Azzopardi minkejja li gie debitament notifikat bl-atti tal-kawza, baqa' ma deherx.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba; tilqa’ t-tieni talba kif dedotta; tilqa’ t-tielet talba kif dedotta.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Oliver Azzopardi.

IMHALLEF

DEP REG